

31979L1073

L 331/20

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

27.12.1979

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Novembru 1979

li taddatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 74/347/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-medda tal-viżjoni u l-wajpers tal-windscreen ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-foresterija

(79/1073/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADDOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Artikolu 1

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE ta' l-4 ta' Marzu 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-foresterija ⁽¹⁾, kif emendata l-aħħar permezz tad-Direttiva 76/694/KEE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 11, 12 u 13 tagħha,

Id-Direttiva 74/347/KEE hija b'din emendata kif ġej:

1. Il-kliem ' il-medda tal-viżjoni jew' jitħassru mill-Artikoli 2 u 3.
2. Wara l-Artikolu 3, jiddaħħal l-Artikolu 3a ġdid segwenti:

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 74/347/KEE ta' l-25 ta' Ġunju 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-medda tal-viżjoni u l-wipers tal-windscreen ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-foresterija ⁽³⁾.

"Artikolu 3a

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 77/536/KEE tat-28 ta' Ġunju 1977 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-istrutturi tal-protezzjoni kontra l-qlib ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-foresterija ⁽⁴⁾.

1. B'effett mill-1 ta' Mejju 1980 l-ebda Stat Membru ma jista' għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-medda tal-viżjoni tat-tratturi:

— jirrifjuta rigward xi tip ta' trattur, biex jagħti l-approvazzjoni tat-tip KEE, biex joħroġ id-dokument li hemm riferenza għalih fl-aħħar inċiż ta' l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 74/150/KEE, jew biex jagħti approvazzjoni tat-tip nazzjonali,

— jew jipprojbixxi d-dħul fis-servizz ta' tratturi,

Billi, minħabba l-esperjenza miksuba u d-disposizzjonijiet addottati rigward l-istrutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib li jaffettwaw il-konfigurazzjoni ta' dawk il-partijiet tas-superstruttura tat-tratturi li huma ta' importanza kbira għall-medda tal-viżjoni, huwa issa possibbli li jkun addottati għall-progress tekniku id-disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-medda tal-viżjoni;

fil-medda tal-viżjoni ta' dan it-tip ta' trattur jew dawn it-tipi ta' tratturi jkun konformi mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

Billi l-ħtiġiet għas-sigurtà tat-traffiku rigward it-tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija saru iktar strinġenti;

2. B'effett mill-1 ta' Ottubru 1980 l-Istati Membri:

Billi l-miżuri li hemm ipprovdut għalihom f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-Adattazzjoni għall-Progress Tekniku tad-Direttivi għat-Tneħħija tal-Ostakoli Tekniċi għal Negozju fit-Tratturi għall-Agrikoltura jew għall-Foresterija,

— ma jistgħux iktar joħroġu d-dokument li hemm riferenza għalih fl-aħħar inċiż ta' l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 74/150/KEE rigward tip ta' trattur li dwarhom il-medda tal-viżjoni ma jikkonformax mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva,

⁽¹⁾ ĠU L 84, tat-28.3.1974, p. 10.

⁽²⁾ ĠU L 205, tat-13.8.1979, p. 17.

⁽³⁾ ĠU L 191, tal-15.7.1974, p. 5.

⁽⁴⁾ ĠU L 220, tad-29.8.1977, p. 1.

— ma jistgħux jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali rigward tip ta' tratturi li l-medda tal-viżjoni tagħhom ma jikkonformax mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

3. B'effett mill-1 ta' Jannar 1983, l-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu d-dħul fis-servizz ta' kwalunkwe trattur li l-medda tal-viżjoni tagħhom ma jikkonformax mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva."

3. L-Anness huwa emendat skond l-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-disposizzjonijiet meħtieġa biex jikkonformaw mad-Direttiva mhux iktar tard

mit-30 ta' April 1980 u għandhom minnufih jgħarrfu b'dan lill-Kummissjoni.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Novembru 1979.

Għall-Kummissjoni

Étienne DAVIGNON

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

1.4 għandu jinqara kif ġej:

"L-effett ta' masking

"L-effett ta' *masking*' tfisser il-kordi tas-setturi tas-semi-ċirku tal-viżjoni li ma jistax jidher minħabba l-komponenti strutturali bħal *roof-pillars*, gradi tad-dħul ta' l-arja jew *exhaust stacks* u l-kwadru tal-*windscreen*."

2.2. 1. 1 għandu jinqara kif ġej:

"Il-trattur għandu jitqiegħed fuq wiċċ orizzontali kif muri fil-Figura 2. Fuq livell ta' appoġġ orizzontali b'punt ta' riferenza, għandu jkun hemm immuntati żewġ punti ta' sorsi ta' dawl, eż. 2 – 150 W, 12 V, 65 mm boġħod minn xulxin u allokati simmetrikament rigward il-punt ta' riferenza. L-appoġġ irid ikun idur fuq il-punt taċ-ċentru tiegħu madwar fus vertikali mill-punt tar-riferenza. Għall-iskop tal-kejl ta' l-effetti tal-*masking*, l-appoġġ għandu jkun hekk allineat li l-linja li tgħaqqad iż-żewġ sorsi tad-dawl tkun perpendikulari mal-linja li tgħaqqad il-komponent tal-*masking* u l-punt tar-riferenza.

L-overlaps silwett (l-iktar dell profond) ipproġettati fuq is-semi-ċirku tal-viżjoni mill-komponent tal-*masking* meta s-sorsi tad-dawl jinxtegħlu simultanjament jew alternattivament għandhom ikunu mkejla skond 1.4 (Figura 3)."

2.2. 1. 2 għandu jinqara kif ġej:

"L-effetti tal-*masking* ma għandhomx jaqbżu is-700 mm."

2.2. 1. 3 għandu jinqara kif ġej:

"L-effetti tal-*masking* dovuti għall-komponenti strutturali li jmissu magħhom fuq 80 mm wisar' għandhom ikunu konfigurati hekk illi jkun hemm intervall ta' mhux inqas minn 2 200 mm - imkejla bħala korda tas-semi ċirku tal-viżjoni - bejn iċ-ċentri ta' żewġ effetti tal-*masking*."

2.2. 1. 5 għandu jinqara kif ġej:

"Barra s-settur tal-viżjoni, l-effetti tal-*masking* li jaqbżu s-700 mm imma li ma jaqbxu l-1 500 mm, huma, madankollu permissibbli jekk il-komponenti li jikkawżawhom ma jkunux jistgħu jiġu ri-iddisinjati jew riallokati: fuq kull naħa jista' jkun hemm total ta' wieħed miż-żewġ effetti tal-*masking*, wieħed li ma jaqbx is-700 mm u l-ieħor li ma jaqbx l-1 500 mm, jew inkella dawk iż-żewġ effetti tal-*masking*, li ebda wieħed minnhom ma jaqbeż l-1 200 mm."

2.2. 2. 1 għandu jinqara kif ġej:

"Bħala alternattiva għall-proċedura stabbiltà fi 2.2.1, l-aċċettabiltà ta' l-effetti tal-*masking* individwali jistgħu jkun ddeterminati matematikament. Il-ħtiġiet ta' 2.2.1.2, 2.2.1.3, 2.2.1.4, 2.2.1.5 u 2.2.1.6 għandhom japplikaw rigward id-daqs, id-distribuzzjoni u n-numru ta' l-effetti tal-*masking*"

2.5 għandu jinqara kif ġej:

"Għall-għan tad-determinazzjoni ta' l-effetti tal-*masking* fis-settur tal-viżjoni, l-effetti tal-*masking* dovuti għall-kwadru tal-*windscreen* u ta' kwalunkwe ostaklu ieħor jista', skond id-disposizzjonijiet ta' 2.2.1.4, jkun ikkunsidrat bħala effett singolu, sakemm id-distanza bejn l-iktar punti 'il barra ta' dan l-effett tal-*masking* ma jaqbx is-700 mm."

Punt ta' referenza*




Figura 2

